MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Appell Kriminali Numru. 493/2012

Il-Pulizija

vs

**Peter Abdilla**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Peter Abdilla quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoniji tal-Ligi u li kienu maghmula b'risoluzzjoni wahda, mis-26 ta' Lulju 2010 sal-25 ta' Settembru 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt, naqas li jaghti lil martu Karen Abdilla u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Ottubru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat

l-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali sabet lill-imputat hati tal-akkuza izda lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat ghal zmien sena taht l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnatlu jhallas lil martu Karen Abdilla is-somma ta' €5,870 fi zmien sitt xhur taht l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Peter Abdilla tad-29 ta’ Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata tat-17 ta' Ottubru, 2012 in kwantu sabet lill-esponent hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni u htija, u thassar u tirrevoka wkoll l-ordni ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 moghti mill-ewwel Qorti fis-17 ta’ Ottubru, 2012.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Fl-ewwel lok, il-kontravvenzjoni taht l-artikolu 338 (z) tirreferi ghal kull min, “*meta hekk ordnat minn xi qorti...jonqos li jaghti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti...bhala manteniment*”. Fil-perjodu tal-akkuza l-esponent ma naqas milli jobdi ebda ordni mill-qorti. F’ Novembru tal-2005, Karen Abdilla ghazlet li l-ordni li jithallas il-manteniment ma jibqax fuq ir-ragel taghha izda talbet li l-employer tal-esponent jigi ordnat jghaddilha direttament hu l-istess manteniment. Infatti, fil-21 ta’ Novembru, 2005, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) b’digriet numru 1720/2005 ordnat lill-*employer* tal-esponent ihallas l-ammont ta’ Lm180 direttament lil Karen Abdilla. Mill-file tal-*employer* dwar l-esponent (u mix-xiehda tal-Avukat Victoria Claire Scerri, rapprezentant tad-Dipartiment tad-Disinn, fejn sal-lum jahdem l-esponent) jirrizulta li d-digriet gie komunikat lid-Dipartiment u inserit fil-file. Jirrizulta wkoll li mmedjatament wara din il-komunika, id-Dipartiment baghat ittra lil Karen Abdilla fejn giet mitluba tghaddi lill-istess Dipartiment dettalji taghha, inkluz in-numru tal-karta tal-identita’ u dettalji tal-kont bankarju taghha. Madankollu, hi stess traskurat u naqset milli twiegeb din l-ittra u tghaddi lid-Dipartiment l-informazzjoni li talbuha biex jibghatulha l-flus. Kien minhabba t-traskuragni u n-nuqqas ta’ Karen Abdilla li l-flus ma ghaddewhomliex. Di piu’, Karen Abdilla baqghet ma hadet ebda passi ohra ghal kwazi 5 snin shah. Fil-25 ta’ Jannar 2010, fuq talba u responsabilita’ ta’ Karen Abdilla, il-Qorti ordnat li jinhareg sekwestru u li l-paga tal-esponent tibda tigi maqbudha u depozitata direttament il-Qorti. Gara infatti, li l-paga tal-esponent bdiet tigi dedotta sas-somma ta’ €698.81 skont l-artikolu 382 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Id-differenza (u cioe’ bejn madwar €540 u €820, skont l-introjtu tax-xahar specifiku) bdiet tigi maqbuda u sussegwentement depozitata l-Qorti, ezatt kif xtaqet u talbet Karen Abdilla, u kif ordnat il-Qorti.

Huwa evidenti li dak li l-legislatur ried jippunixxi bl-artikolu 338 (z) ma hux in-nuqqas ta’ hlas tal-manteniment per se’ (f'liema kaz seta’ japplika l-artikolu 338(y)) izda n-nuqqas ta’ ubbidjenza ta’ l-ordni emanat mill-Qorti (jew l-obbligu assunt direttament b’kuntratt). La darba qed tigi punita d-disubbidjenza ghall-ordni, jinkombi fuq il-prosekuzzjoni jew il-parte

civile tipprova li l-Qorti emanat dak l-ordni, li dak l-ordni sar fil-konfront tal-imputat, li dak l-ordni gie debitament notifikat skont il-ligi lill-imputat, kif ukoll li dak l-ordni kien ikopri wkoll iz-zmien li ghalih tirreferi l-akkuza. Fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti naqset milli taghraf l-assenza ta' wiehed jew iktar elementi tar-reat. Ghalhekk, l-ewwel Qorti ma setghet qatt issib lill-esponent hati tal-akkuza migjubha kontrih peress li fil-perjodu tal-akkuza l-'ordni tal-qorti' skont l-artikolu 338 (z) tal-Kodici Kriminali ma kienx fil-konfront tal-esponent.

2. Inoltre, Karen Abdilla stess poggiet lill-esponent fl-impossibilita' li jaghmel xi pagamenti hu matul il-perjodu tal-akkuza, u cioe' bejn is-26 ta' Lulju 2010 sal-25 ta' Settembru 2011. Fuq talbiet ta' Karen Abdilla, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) l-ewwel ordnat lill-employer tal-esponent ihallas lil Karen Abdilla direttament, u sussegwentement ordnat lill-istess employer sabiex izomm mill-paga tal-esponent, dak li jeccedi s-€698.91 u jiddepozitahom il-Qorti fl-atti tal-mandati ta' sekwestru ezekuttivi numri 11/2010 u 71/2012. Ghaldaqstant, l-esponent ma setax ihallas lil martu izda kien marbut li jobdi l-ordnijiet tal-qorti matul il-perjodu tal-akkuza. B'hekk, bla hsara ghall-ewwel aggravju, l-esponent gie mpoggi fl-impossibilita' li jhallas lil martu stante li l-ordni ma kienx fil-konfront tieghu u f'kull kaz il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv kien jimpedixxi lill-istess esponent milli jmiss flusu. Konsegwentement l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-esponent hati peress li *nemo tenetur ad impossibilia*.

3. In kwantu kontravvenzjoni, l-ewwel qorti kienet zbaljata meta sabet lill-esponent hati stante li m'hemmx il-volontarjeta' tal-fatt: element kostituttiv ghas-sejba ta' imputabilita' f'kaz ta' kontravvenzjoni.

Kif hawn fuq spjegat u mill-fatti li rrizultaw, l-esponent ma kellux il-kontroll tal-fatti li taghhom huwa gie akkuzat quddiem l-ewwel Qorti, anke peress li fuq talbiet ta' martu Karen Abdilla, huwa tqieghed fl-impossibilita' li jghaddilha l-flus direttament hu. Isegwi allura, li wisq anqas kellu l-volontarjeta' li jsehhu l-fatti kontemplati fl-akkuza tas-sentenza appellata. Bhalma ntqal fis-sentenza **Pulizija v. Anthony Mallia**, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fl-24 ta' Frar 1960: "*Trattandosi ta' kontravvenzjonijiet, hu ormaj pacifikament rikonoxxut fid-dottrina u fil-gurisprudenza li ghall-imputabbilita'bizzejjed il-volontarjeta' tal-fatt. Huwa bizzejjed, cjoe', illi* ***l-imputat kien kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali****, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-koxjenza*

*tal-illegittimita' tal-fatt stess. Jekk l-imputat ried il-fatt biss,allura l-imputat ikun fi stat kontravvenzjonali (ara Vol. XXIX-IV-553; u Vol. XXX-IV-539)*". L-istess inghad fis-sentenza **Pulizija v. Raymond Parnis**, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Gunju 2011.

Huwa evidenti li fil-perjodu ndikat fl-akkuza kienet il-mara tal-esponent innifisha li wasslet ghas-sitwazzjoni ta' fatt li fuqha issa qed tistrieh biex tressaq l-akkuza kontra zewgha. Ghal din ir-raguni wkoll, qatt ma seta' javvera r-reat li tieghu l-esponent gie misjub hati u din il-Qorti ghandha tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponent.

4. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet gja' maghmulha aktar 'il fuq, matul il-perjodu tal-akkuza kollu l-esponent kienet tinqataghlu mill-paga is-somma ta' bejn €540 u €820 kull erba' gimghat. Jirrizulta mill-*payslips* ezebiti fl-atti tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, li, biss biss, bejn Jannar 2011 u d-9 ta' Settembru 2011 kienu nqatghulu mill-paga aktar minn €5,200. Barra minn hekk, l-imsemmija Karen Abdilla diga' zbankat aktar minn €16,011. Kwazi €10,000 minnhom zbankathom matul is-sena 2012 stess. Dan jurih proprju dokument redatt u esebit mill-istess Karen Abdilla quddiem l-ewwel Qorti.

Dan il-fatt, assolutament mhux kontestat minn mart l-esponent, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti in vista tal-ordni tal-ewwel Qorti li jhallas is-somma ta' €5,870 fi zmien sitt xhur ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446. Dan ukoll in vista tal-fatt li fl-istess zmien li Karen Abdilla ghamlet kwerela biex inbdew dawn il-proceduri kriminali, intavolat mandat ta' sekwestru ezekuttiv iehor (numru 71/2012) fis-somma ta' €10,907.83 ghall-perjodu bejn is-26 ta' Frar 2010 sas-26 ta' Frar 2012 (liema fatt jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni tar-rapprezentant tad-Dipartiment tad-Disinn). Il-perjodu ta' arretrati koperti f'dan il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv jinkludi wkoll dawk ghall-perjodu tal-akkuza. Huwa evidenti li s-Sinjura Abdilla b'hekk qed tittenta li terga' tpoggi lil zewgha fl-istess sitwazzjoni anomala li tpogga' fiha llum, fejn filwaqt li hu ma jkun jista' jaghmel xejn, hi tkun tista' tressqu kriminalment u fl-istess hin tiehu l-manteniment bis-sekwestru.

Ghal dawn ir-ragunijiet u f'kull kaz, din il-Qorti ghandha tirrevoka wkoll l-ordni fit-termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 in vista tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv imsemmi peress li, fl-ewwel lok, l-imsemmi mandat diga' jkopri l-perjodu li ghalih taghmel referenza l-akkuza u ghalhekk diga' jinsab garantit civilment; fit-tieni lok, l-esponent ser jerga' jispicca

f'sitwazzjoni ta' impossibilita' li jhallas lil martu skont l-ordni tal-ewwel Qorti minhabba s-sekwestru li martu stess ghazlet li taghmel.

5. Bla hsara ghal dak kollu gja' sottomess, mhuwiex car jekk id-Dipartiment, meta ddepozita l-flejjes il-Qorti, kienx qieghed jottempera ruhu mal-mandat ta' sekwestru, jew mal-ordni li l-employer ihallas lill-mart l-esponent, jew mat-tnejn. Infatti, mistoqsija jekk id-depoziti kinux jinkludu hlasijiet oltre dawk tal-mandat, ir-rapprezentant tad-Dipartiment ma kinitx taf kif kellha twiegeb u gieli qalet iva, u gieli qalet le. F'kull kaz, l-*onus probandi* f'proceduri kriminali huwa dejjem dak ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Ghalhekk, id-dubju u n-nuqqas ta' kjarezza tax-xiehda tar-rapprezentant tad-Dipartiment tad-Disinn kellu jittiehed favur l-esponent u jilliberah minn kull akkuza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tad-29 ta' April, 2015 il-parte civile nfurmat lil din il-Qorti li l-meritu ta' dan il-kaz huwa ezawrit.

Illi minn analizi tal-aggravji tal-appellant jirrizulta li tali aggravji ma jistghux jigu milqugha u l-ewwel Qorti kienet korretta fl-analizi tal-provi u tas-sejbien tal-htija.

Illi jirrgwarda l-piena din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-appellant hallas dak kollu dovut.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell tal-appellant. Dwar l-erogazzjoni tal-piena thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti lliberat lill-appellant bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u ordnatlu li jhallas is-somma ta' hames telef tmien mija u sebghin euro (€5,870) fi zmien sitt xhur u minflok tilliberah bil-

kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien disa' xhur mil-lum u ma ghandu ebda obbligu li jhallas ebda somma.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------